MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2009

Appell Kriminali Numru. 157/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Bernard C. Spiteri)**
**Vs**
**Glenn Mizzi**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-22 ta' Novembru, 2008, ghall-habta ta' 23.48 hrs., bhala l-persuna li f'ismu ghandu l-licenzja ta' substitute tal-hanut ta' l-inbid, birra w xorb spirituz bl-isem ta' "Pinks" li jinsab gewwa Triq Ball, Paceville, San Giljan, ippermetta tfal taht is-sittix-il sena biex jidhlu fil-post imsemmi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-7 ta' Mejju, 2009, li biha, wara li rat ir-regolament 6(1)(5), 14(1) tal-Avviz Legali 194/95 kif emendat, sabet lill-appellat hati w ikkundannatu ghal

multa ta’ mija w sittax-il Euro w sebgha w erbghin centezmu (€116.47).

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fil-21 ta’ Mejju, 2009, li bih talab li dina l-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata w minflok issib lil glenn Mizzi hati ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu skond il-Ligi w tinfliggi fuqha dik il-piena idonea skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-
Illi l-Ewwel Qorti iccitat l-Avviz Legali 194/95 zbaljat u ghalhekk is-sentenza appellata tirrizulta difettuza minn wiehed mir-rekwiziti essenzjali ikkontemplati fl-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali ghall-validita’ tas-sentenza. L-Ewwel Qorti wara l-ammissjoni ta’ l-appellat sabet htija taht ir-regolament 6(1)(5) u 14(1) ta’ l-Avviz legali 194/95. L-appellant jikkontendi illi l-htija kellha tinstab taht ir-regolament 6(1)(5) u 15(1) ta’ l-Avviz Legali 124/1995. L-Avviz Legali 124/1995 jitkellem fuq iz-zamma ta’ bon ordni f’lokalitajiet ta’ divertiment u huwa l-Avviz Legali li jirregola dina s-sitwazzjoni. b’hekk wara l-ammissjoni ta’ htija, l-Ewwel Qorti kellha ssib htija w tincita w teroga piena taht ir-regolamenti 6(1) (5) kif ukoll taht ir-regolament 15(1) ta’ dan l-Avviz Legali. Ghaldaqstant l-Ewwel Qorti incitat ir-regolament hazin u konsegwwentement tirrendi s-sentenza taghha difettuza minn wiehed mir-rekwiziti essenzjali kontemplati fl-artikolu 384 ghall-validita’ ta’ sentenza. dan jirrendi s-sentenza appellata nulla. Hekk intqal fis-sentenza “Il-Pulizija vs Louis Anne Faure” f’kaz simili kif ukoll f’sensila ta’ sentenza f’cirkostanzi analogi.

Il-fatti illi taw lok ghal din il-kawza huma s-segwenti :-
Fit-22 ta’ Novembru, 2008 saret spezzjoni mill-Pulizija fil-fond “Pinks” sitwat fi Triq Ball, Paceville. Hemmhekk instabu xi persuni taht is-sittax il-sena. Il-fond kien dak il-

hin imexxi minn Glenn Mizzi w is-7 ta’ Mejju, 2009 tressaq il-Qorti biex iwiegeb ghall-akkuza illi bhala persuna illi f’ismu kellu licenzja ta’ “substitute” fil-hanut imsemmi, huwa ppermetta tfal taht is-sittax il-sena biex jidhlu fil-post imsemmi.
L-imputat ammetta l-akkuza w il-Qorti tal-Magistrati ghaddiet ghas-sentenza fejn sabitu hati, kkwotat ir-Regolament 6 (1)(5) u 14(1) tal-Avviz Legali 194/95 u kkundannat lill-imputat ghal multa ta’ mija w sittax il-Euro w seba’ w erbghin centezmu (€116.47).
L-Avukat Generali appella minn din is-sentenza ghax skond hu l-Avviz Legali illi kellu jigi kkwotat kien dak bin-numru 124/95 li jitkellem fuq iz-zamma ta’ buon ordni f’lokalitajiet ta’ divertiment u huwa l-Avviz Legali illi jirregola din is-sitwazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi minn ezami taz-zewg Avvizi Legali msemmija din il-Qorti taqbel ma’ sottomissjoni tal-Avukat Generali illi l-Avviz Legali illi jirregola din is-sitwazzjoni kellu jkun dak bin-numru 124/95.

Ghalhekk l-Ewwel Qorti citat ir-regolament hazin u konsegwentement dan jirrendi s-sentenza difettuza bhala nieqsa minn wahda mir-rekwiziti essjenzali kif kontemplati fl-artikolu 382 tal-Kap. 9.

Minn barra s-sentenzi kkwotati mill-Avukat Generali fir-rikors tieghu, l-Qorti taghmel referenza ghal kawza fl-ismijiet **“Il-Pulizija vs George Camilleri” deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis16 ta’ Gunju, 1995** fejn qalet *“l-indikazzjoni zbaljata tal-artikolu tal-Ligi li jikkontempla r-reat li tieghu persuna tkun giet misjuba hatja gie dejjem ekwiparat fil-gurisprudenza man-nuqqas ta’ tali indikazzjoni ghall-finijiet tal-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali. Da hu nuqqas ta’ formalita’ sostanzjali li jgib bhala konsegwenza n-nullita’ tas-sentenza appellata w s-smiegh mill-gdid fil-meritu mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-terminu tal-artikolu 482(3) tal-imsemmi Kodici”.* L-istess **il-Pulizija kontra Joseph Farrugia Qorti tal-Appell Kriminali 13 ta’ Jannar 1995** *“.....pero’ jekk jigi indikat il-*

*paragrafu jew is-sub artikolu w dan il-paragrafu jew su artikolu jkun jirreferi ghar-reat differenti minn dak ipotizzabbli skond il-fatti kif migjub fl-imputazzjoni, dan jammonta daqs li kieku l-artikolu tal-ligi li jikkontempla r-reat ma jkunx gie indikat.”*

Ghalhekk il-Qorti tiddeciedi illi tilqa’ l-appell tal-Avukat Generali, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata w tghaddi biex tiddeciedi mill-gdid fil-meritu ai termini tal-artikolu 428(3) tal-Kodici Kriminali.

Ikkunsidrat

Peress li kien hemm ammissjoni fl-ewwel dehra tal-kawza w ma nstemghux provi, il-Qorti se tikkunsidra dan il-kaz fl-isfond tal-atti tal-kawza u l-Avviz Legali 124/95.

Ghal dawk li jirrigwarda l-meritu, l-imputat ammetta illi huwa dahhal persuni taht l-eta’, kwindi kiser id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 6(1) tal-Avviz Legali fuq imsemmi.

Ghal dak li jirrigwarda l-piena hemm zewg artikoli partikolari illi jirreferu ghal dan il-ksur l-artikolu 6(5) u artikolu 15(1).  L-artikolu ta’ qabel jirriferi ghal kull proprjetarju li jonqos milli jhares id-dispozizzjonijiet ta’ dawn ir-regolamenti li jista’ jehel multa ta’ mitejn u tlieta w tletin Euro (€233) ghal kull persuna taht l-eta’ illi tkun fil-lokalita’ tad- divertiment tieghu.  L-artikolu 15(1) jirriferi ghal reati maghmulin mill-proprjetarju jew l-impjegati tieghu fejn f’dan il-kaz il-Qorti ghandha meta ssib htija twahhal multa ta’ mhux anqas minn erba’ mija w hamsa w sittin Euro w seba’ w tmenin centezmu (€465.87) u mhux izjed minn disa’ mija w wiehed u tletin Euro w hamsa w sebghin centezmu (€931.75).

F’dan il-kaz, l-imputat Glenn Mizzi qed jigi akkuzat illi huwa bhala “substitute” ippermetti illi jidhlu persuni taht l-eta’, kwindi l-artikolu 6(1) ma japplikax ghax mhuwiex qed jigi addebitat il-proprjeta’ tal-lokal u bhala “substitute” ghandu jitqies bhal impjegat fit-termini tal-artikolu 15(1) fuq citat u l-piena applikabbli hija skond dan l-artikolu.

Il-Qorti sejra tikkonsidra l-fatt illi kien hemm aktar minn persuna wahda taht eta' peress illi l-akkuza tirreferi ghall-plural u cioe' *"tfal taht is-sittax il-sena ....."*

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' w tiddeciedi illi wara li rat l-artikolu 6(1) u 15(1) tal-Avviz Legali 124/1995 issib lill-imputat hati skond l-akkuza w tikkundannah ghall-multa ta' hames mitt Euro (€500).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------